**26 ta' Novembru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Said

**Ordinanza tad-Dwana – Prova tal-Ħlas tad-Dazju – Sentenza Sospiża – *Probation* – Liberazzjoni kkondizzjonata – Piena Taħt il-Minimu**

*Bl-artikolu 77 tal-Kap. 37 l-oneru tal-prova rigward il-ħlas jew le ta' dazju jinkombi fuq l-imputat.*

*Sentenza sospiża, bħall-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni kkondizzjonata, u bħall-applikazzjoni ta' piena taħt il-minimu skond l-artikolu 21 tal-Kap. 9, għandha tiġi applikata bħala eċċezzjoni u mhux bħala regola.*

*Is-sentenza sospiża għandha tingħata f'każ ta' xi ċirkostanza partikolari li minħabba fiha l-Qorti tħoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mil-liġi.*

Il-Qorti: –

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat Joseph Said fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli fis-6 ta' Ottubru ta' l-1989 fil-fondi "*Lovenest*" F. Attard Street, Nadur u numru 17, *Shore Street*, Mġarr, Għawdex, kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu oġġetti murija fin-Nota ta' Qbid li ġġib in-numru 26/90, valur Lm222.50,0 dazju Lm252.20,0 li l-importazzjoni tagħhom hi ristretta u d-dazju fuqhom ma ġiex imħallas jew kawtelat bi ksur ta' l-artikolu 60(a)(ċ)(k) u l-artikolu 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37;

Rat is-sentenza tad-9 ta' Lulju, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabitx lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti rigwardanti l-oġġetti elenkati fid-Dok. JS1 sa DoK. JS5 it-tnejn inklużi, u filwaqt li lliberatu minnhom ordnat li jiġu immedjatament rilaxxati lill-imputat; u sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-oġġetti l-oħra indikati fil-lista annessa man-nota ta' qbid numru 26 ta' l-1990, u kkundannatu għall-piena ta' priġunerija ta' xahar, u għall-multa ta' ħames mija u disa' liri Maltin, (Lm509.00,0) u ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti l-oħra mhix inklużi fid-Dok.

JS1 sa Dok. JS5 elenkati fin-nota ta' qbid li ġġib in-numru 26 ta' l-1990 favur id-dipartiment tad-Dwana. Inoltre limitatament għall-piena karċerarja fuq indikata, dik il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali. Kapitolu 9 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat li din il-parti tas-sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' tliet snin l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab ir-riforma ta' dik is-sentenza b'mod li huwa jiġi lliberat mill-imputazzjoni fl-intier tagħha;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza b'mod li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkuża fl-interezza tagħha u riferibbilment għall-oġġetti kollha, u tinfliġġi l-piena, inkluża l-konfiska ta' l-oġġetti kollha, skond il-liġi mingħajr is-sospensjoni tal-piena karċerarja;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi: –

*Omissis;*

L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali huwa li jirritjeni li l-ewwel Qorti ddeċidiet ħażin meta ma sabitx lil Said ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti rigwardanti l-oġġetti elenkati fid-dokumenti JS1 sa JS5. Dawn l-oġġetti evidentement jikkonsistu f'*compact disc, video recorder, monitor, television reception booster,* żewġ *"telephone make Audioline"*, u tliet radjijiet tal-karozza;

Fir-rigward ta' dawn l-oġġetti l-imputat fl-istqarrija

msemmija ddikjara: "Dawk l-affarijiet jien kont xtrajthom mingħand xi ħadd, jistgħu jinxtraw bis-sewwa u jista' ma jkunx. Jien ma nafx... Dawk ir-*radios* kont xtrajthom ukoll mingħand xi ħadd li jkun nieżel minn abbord. Jekk tħallasx dazju fuqhom jien ma nafx". In segwitu l-imputat xehed hekk: "Qed nesibixxi diversi riċevuti li qed jiġu mmarkati Dok. JS1 sa JS5 it-tnejn inklużi". Dawn ir-riċevuti jindikaw oġġetti bħal dawk imsemmijin fil-paragrafu preċedenti;

Jidher ċar li fid-dikjarazzjoni msemmija u fix-xiehda tiegħu l-imputat kien evasiv u anki kontradittorju miegħu nnifsu. Bl-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 l-oneru tal-prova rigward il-ħlas jew le ta' dazju fuq l-oġġetti in kwistjoni jinkombi fuqu. Bl-ebda mod l-imputat ma wera illi d-dazju relattiv kien ġie mħallas. Anzi bid-dikjarazzjoni tiegħu li dawk ir-*radios* kien xtrahom mingħand xi ħadd li kien nieżel minn abbord, jagħti x'wieħed jifhem li d-dazju ma kienx ġie mħallas, u li hu dana kien jafu. Għalhekk l-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali huwa sostennibbli;

Kwantu għall-piena nflitta mill-ewwel Qorti, l-imputat jilmenta li hija eċċessiva u l-Avukat Ġenerali jissottometti li l-piena karċerarja ma għandhiex tkun sospiża. Din il-Qorti, almenu kif presjeduta, hija tal-fehma li s-sentenza sospiża, bħall-ordni ta' *probation* jew ta' liberazzjoni kkondizzjonata, u bħall-applikazzjoni ta' piena taħt il- minimu skond l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, għandha tiġi applikata bħala eċċezzjoni mhux bħala regola. Is-sentneza sospiża għandha tingħata f'każ ta' xi ċirkostanza partikolari li minħabba fiha l-Qorti tħoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mil-liġi. Fil-każ preżenti din il-Qorti ma tintravvedi ebda tali ċirkostanza;

Rigward il-piena, inoltre, l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-

Dwana jippreskrivi l-multa jew il-priġunerija, jew il-multa u l-priġunerija flimkien. Jiġifieri l-Qorti tista' tagħżel li tinfliġġi l-priġunerija biss, kif sejra tagħmel ma' l-imputat;

Għall-motivi premessi tiddisponi miż-żewġ appelli billi tirriforma s-sentenza appellata billi:

a) Tikkonferma dik is-sentenza in kwantu li biha l-imputat Said ġie misjub ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-oġġetti indikati fil-lista annessa man-nota ta' qbid numru 26 ta' l-1990, barra mill-oġġetti elenkati fid-dokumenti JS1 sa JS5 inkluživament, u kkundannat għall-piena ta' xahar priġunerija u in kwantu li biha ġiet ordnata l-konfiska ta' l-oġġetti msemmijin mhux inklużi fid-dokumenti JS1 sa JS5 u

b) Tirrevoka l-istess sentenza fil-bqija, u minflok issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoniiet anki fil-konfront ta' l-oġġetti indikati fid-dokumenti JS1 sa JS5, u tordna l-konfiska ta' dawn l-oġġetti wkoll;

B'hekk l-imputat ġie misjub ħati ta' l-imputazzjoni kif dedotta, ġie kkundannat xahar priġunerija, u ġiet ordnata l-konfiska ta' l-oġġetti kollha elenkati fin-nota ta' qbid msemmija.